## Brincat Anna at Parlament-MT

**From:** Bartolo Clayton at MFT
**Sent:** Tuesday, 21 November 2023 15:47
**To:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Subject:** Mistoqsijiet

Ghaziza Anna,

Qed nghaddilek il-mistoqsijiet kif gew mitluba mill-Onor. Carabott:

1. Dr Cordina, grazzi talli qiegħed hawnhekk sabiex twieġeb il-mistoqsijiet minn dan il-Kumitat. Qabel nibdew, xtaqt li tagħtina ftit informazzjoni fuqek innifsek, ix-xoghol tiegħek, u x'karigi kellek int f'diversi entitajiet matul is-snin.

2. Fil-5 ta' Diċembru 2011 int kont tajt preżentazzjoni quddiem dak li kien magħruf bħala l-bord tal-MEPA.
a. Qabel xejn, min kien inkarigak biex tagħmel dan l-istudju?
b. Tiftakar min kien kellmek? Jekk kellekx xi laqgħat partikolari?
c. X'kien il-brief tiegħek? Kien hemm xi targets speċifiċi li ntlabt li jinħarġu mill-istudju?
d. Tista' tgħid lill-kumitat fiex kienet tikkonsisti l-preżentazzjoni tiegħek?

3. Se ngħaddu għall-ispiża kapitali ta' dak il-proġett:
a. L-istudju tiegħek kien jidħol fl-element tal-ispiża kapitali?
b. Kemm swiet biex tinbena din il-powerstation tal-BWSC?
c. U dan l-ammont biex taħdem bil-Heavy Fuel Oil?
d. Setgħet tkun konvertita biex taħdem bil-gass? F'dak il-każ, kemm kienet tkun l-ispiża?

4. U l-finanzjament ta' dan il-proġett, kont infurmat kif se jsir?
a. Kif kienet iffinanzjata din il-powerstation? U min iffinanzjaha?
b. Kienu diskussi soluzzjonijiet sabiex tkun irkuprata l-ispiża kapitali?

5. Stabilixxejna li l-Enemalta ffinanzjat dan il-proġett:
a. Din il-kumpanija tal-Gvern, li skont Tonio Fenech kellha 600 miljun Ewro dejn, kienet tiflaħ tiffinanzja dan il-proġett?
b. Fl-opinjoni tiegħek, din il-kumpanija kienet tiflaħ iżjed dejn?
c. Jiġifieri ħa nara hux qed nifhem sew, il-finanzjament ta' dan il-proġett irriżulta fl-ogħla kontijiet tal-enerġija għall-familji u n-negozju?

6. Ħalli nerġa' nieħdok ftit lura għall-preżentazzjoni li tajt quddiem il-board tal-MEPA u niddiskutu l-options tal-ġenerazzjoni tal-elettriku:
a. Kif ikkwotat mit-Times of Malta f'dik il-preżentazzjoni fil-bord tal-MEPA, int għedt li l-Gasoil jiswa 26.7% iktar mill-Heavy fuel oil u l-Gass 6.3% aktar mill-Heavy fuel oil. Korrett?

7. Int għidt f'dik il-preżentazzjoni li l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-enerġija se tkun HFO Euro 99.31 kull mwh u l-Gasoil Euro142.97 kull mwh. Korrett?
a. Jiġifieri hawnhekk nixtieq ngħaddi biex nistabilixxu l-prezz ta' kull unit kemm kien jiġi: jekk qegħdin ngħidu li kull mwh bil-HFO jiswa Euro 99.31, ifisser li kull kwh ta' ġenerazzjoni jiġi jiswa Euro 0.0993. Korrett?
b. jekk qegħdin ngħidu li kull mwh bil-Gasoil jiswa Euro 142.97, ifisser li kull kwh ta' ġenerazzjoni jiġi jiswa Euro 0.14297. Korrett?
c. Jiġifieri dak iż-żmien, il-ġustifikazzjoni għaliex intgħażel il-HFO kienet li huwa irħas biex tipproduċi l-enerġija, hux hekk?

8. Issa li stabilixxejna l-prezzijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija:

a. Se nurik tabella ppubblikata mill-Enemalta sabiex nistabilixxu l-orħos prezz ta’ dak iż-żmien tax-xiri tal-elettriku. Naqblu li l-irħas rata kienet dik ta’ Euro 0.161 kull kwh għar-residential rates?
b. Jekk biex tiġġenera 1 kwh elettriku bil-HFO kienet qed tiswa Euro 0.0993 u l-orħos tariffa residenzjali kienet ta' Euro 0.161, dan ifisser li minn fuq kull unit tal-enerġija l-Enemalta kienet qegħda taqla’ l-flus, korrett?
c. Ma taħsibx li l-konsumatur kien qed jiġi misruq? Qed ngħidu qliegħ ta’ madwar 60% minn kull unit...

9. Meta tqis il-prezzijiet li kienu jhallsu l-konsumaturi dak iz-zmien ma tahsibx li seta' jkollna power station tal-gass u xorta l-enemalta kienet taghmel il-flus?
a. Vera forsi l-Enemalta kienet taqla’ inqas flus għaliex f’dak il-każ qed nitkellmu fuq prezz tal-ġenerazzjoni ta’ Euro 0.14297, li kien se jinbiegħ Euro 0.161, jiġifieri qliegħ ta’ madwar 12%...

10. Kemm minn dak is-60% kien qed iħallas mis-600 miljun dejn li kellha l-Enemalta? L-istess Enemalta li Tonio Fenech ried ibiegh Ewro wiehed
a. Jiġifieri aħna korretti meta ngħidu li l-kontijiet għollewhom għaliex riedu jħallsu din il-powerstation?

11. Mill-esperjenza tiegħek bħala ecomomista, x'taħseb li kien l-effett tal-prezzijiet ogħla tal-enerġija fuq l-Ekonomija Maltija?

12. X'kien l-effett tal-prezzijiet ogħla tal-enerġija fuq id-dħul disponibbli tal-familji u fuq il-Cashflow tan-negozju?

13. X'effett kellha l-powerstation tal-electrogass li l-gvern Malti ma hallas xejn biex tinbena u suċċessivament ir-rohs tal-kontijiet tal-ilma u tad-dawl 25% fuq l-ekonomija?

14. X'kien l-effett ta’prezzijiet orhos tal-enerġija fuq id-dħul disponibbli tal-familji u fuq il-Cashflow tan-negozju?
a. U sussegwentement fuq il-credit ratings ta’ pajjiżna?

15. Jekk ngħidlek li l-Gvern Laburista qed jixtri elettriku ġġenerat mill-gass irħas minn dak li kien il-prezz ġġenerat mill-HFO mill-power station tal-BWSC. Taħseb li l-Gvern Laburista għamel deal tajjeb?

16. Fl-istudju tiegħek għedt li l-gass se jiswa 6.3% aktar biex tiġġenerah mil HFO, minkejja dan żgur sa qabel ma bdiet il-gwerra fl-Ukrajna kull kwh qed nixtruh irħas mill-prezz tal-HFO. Meta tqis ukoll li Electrogass, fuq il-prezz tal-ġenerazzjoni għandhom ukoll il-qligħ. U l-familji u n-negozji tagħna għadhom qed igawdu min prezzijiet baxxi tal-enerġija. Dik hi d-differenza bejn gvern Laburista u Gvern Nazzjonalista

Grazzi.

Tislijiet,

Clayton

Sent from my iPhone